IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell 1.4.2009
SEC(2009) 416

**DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

***Dokument li jakkumpanja l-***

**WHITE PAPER**

**L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn qafas Ewropew għall-azzjoni**

# ***Impatti fuq il-Bniedem, l-Annimali u s-Saħħa tal-Pjanti tat-Tibdil fil-Klima***

{COM(2009) 147 finali}

**DOKUMENT TA' ĦIDMA MILL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

# ***L-Impatti tat-Tibdil fil-Klima fuq is-Saħħa tal-Bniedem, tal-Annimali u tal-Pjanti***

L-għan ta' dan id-dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni hu li jagħti deskrizzjoni tal-kwistjonijiet ewlenin marbuta mas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali u tal-pjanti fir-rigward tat-tibdil fil-klima, biex jiddeskrivi x'qiegħed isir fil-preżent biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi u, fl-aħħar nett, biex jindika passi futuri ewlenin għal azzjoni tal-Komunità u tal-Istati Membri li għandhom jiġu meqjusa.

Dan id-dokument huwa bbażat fuq il-qafas ġenerali stabbilit b'mod partikolari fil-White Paper "Adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn qafas Ewropew għal azzjoni" [COM(2009) 147] li jipproponi li jsaħħaħ ir-reżistenza tas-sistemi soċjali u tas-saħħa u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu assigurati s-sorveljanza u l-kontroll adegwat għall-impatti tat-tibdil tal-klima fuq is-saħħa, bħas-sorveljanza epidemjoloġika u l-kontroll ta' mard li jittieħed jew l-effetti ta' avvenimenti estremi.

B'mod ġenerali, it-tibdil fil-klima mhux joħloq ħafna theddidiet ġodda jew mhux magħrufa għas-saħħa, iżda se jżid ċerti interazzjonijiet bejn l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem b'effetti aktar b'saħħithom u li jinħassu aktar milli jidhru fil-preżent. Ħafna mill-miżuri u s-sistemi tas-saħħa pubblika diġà jeżistu iżda jeħtieġ li jiġu adattati għas-sitwazzjoni u d-domandi l-ġodda.

Dan id-dokument jiddeskrivi x'tista' tagħmel l-Unjoni Ewropea f'termini konkreti biex tindirizza dawn l-isfidi potenzjali.

## INTRODUZZJONI

### Il-Pjan ta' Ħidma dwar is-Saħħa u l-Ambjent Ewropew 2004-2010[1]

Il-Pjan ta' Ħidma dwar is-Saħħa u l-Ambjent Ewropew 2004-2010 jittratta b'mod speċifiku t-tibdil fil-klima u s-saħħa skont l-Azzjoni 8, li tħabbar li kwistjonijiet li qed jitfaċċaw dwar l-ambjent u s-saħħa se jkunu identifikati u indirizzati.

L-Evalwazzjoni ta' Nofs il-Perjodu tal-Pjan ta' Ħidma dwar is-Saħħa u l-Ambjent[2] irrappurtat progress fuq l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma: dwar it-tibdil fil-klima u proġetti tas-saħħa diversi tal-UE[3] li ġew iffinanzjati taħt is-Sitt u s-Seba' Programmi ta' Qafas (ara wkoll il-kapitolu 9 dwar il-Programmi ta' Qafas tal-UE għar-Riċerka) u l-Programm tas-Saħħa tal-UE. L-Evalwazzjoni ta' Nofs il-Perjodu saħqet ukoll fuq l-importanza tal-integrazzjoni ta' setturi u partijiet interessati u kwistjonijiet tas-saħħa f'approċċ ta' politika komprensiva, u kwistjonijiet bħal effetti tal-bidla fil-klima fuq is-saħħa, b'mod partikolari. Fl-aħħar nett, din ħabbret li l-punt fokali fuq it-tibdil fil-klima u s-saħħa se jiżdied fl-implimentazzjoni futura tal-Pjan ta' Ħidma dwar is-Saħħa u l-Ambjent.

---

1 COM(2004) 416.

2 COM(2007) 314 - SEC(2007) 777.

3 MICORDIS, CANICULE, EuroHEAT, EDEN, http://ec.europa.eu/health/ph_information/dissemination/unexpected/unexpected_2_en.htm

Fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar l-Ambjent u s-Saħħa, il-Kunsill ħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw għodod biex jantiċipaw, jipprevjenu u jwieġbu għal theddidiet potenzjali mit-tibdil fil-klima[4].

Il-Parlament Ewropew appella għal tisħiħ fil-kooperazzjoni bejn għadd ta' aġenziji 'sabiex tissaħħaħ is-sistema ta' twissija bikrija u b'hekk jitrażżnu l-effetti ta' ħsara li għandu t-tibdil fil-klima fuq is-saħħa'[5]. Il-Parlament Ewropew jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jirrispondu b'mod adegwat għat-theddidiet il-ġodda tal-bidla fil-klima, bħaż-żieda fil-preżenza ta' vajrusis ġodda u ta' patoġeni mhux magħrufa, u għal din ir-raġuni jimplimentaw teknoloġiji ġodda eżistenti għat-tnaqqis ta' patoġeni li jnaqqsu vajrusis magħrufa u mhux magħrufa u patoġeni oħra li jittieħdu permezz tad-demm.[6]

Barra mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma tal-UE, il-Kummissjoni qed tagħti appoġġ lill-Organizzazzjoni tas-Saħħa Dinjija u lill-Istati Membri tal-UE fl-implimentazzjoni tal-"Pjan ta' Ħidma għall-Ewropa dwar l-Ambjent u s-Saħħa tat-Tfal" (CEHAPE) u d-Dikjarazzjoni Ministerjali maħruġa f'Budapest fl-2004. Kwistjonijiet tas-saħħa marbuta mat-tibdil fil-klima se jkunu wieħed mill-pilastri ewlenin tal-Konferenza Ministerjali li jmiss dwar is-Saħħa u l-Ambjent, li se ssir l-Italja f'Marzu 2010.

Il-JRC (Iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt tal-Kummissjoni) jappoġġja l-Pjan ta' Ħidma Ewropew għall-Ambjent u s-Saħħa billi jipprovdi t-tagħrif xjentifikament ibbażat meħtieġ biex jgħin lill-UE u l-Istati Membri jnaqqsu l-impatti negattivi fuq is-saħħa minn fatturi ambjentali. Fir-rigward tat-tibdil fil-klima u s-saħħa, il-JRC kien involut fl-Azzjoni tal-GAPCC (It-Tniġġis Globali tal-Arja u t-Tibdil fil-Klima) li jikkontribwixxi għal riċerka xjentifika dwar konnessjonijiet bejn it-tniġġis tal-arja u t-tibdil fil-klima, biex b'hekk dawk li jfasslu l-politika jkunu ġew informati bis-sinerġiji u t-tqabbil potenzjali li fihom jiffunzjonaw is-sistema tal-atmosfera u l-klima. Din l-azzjoni tinkludi: is-Sistema Ewropea ta' Twissija għall-Għargħar (EFAS), li żviluppat fil-proġett għad-Diżastri Naturali kkawżati mit-Temp (WDNH), li tfittex li tipprovdi simulazzjonijiet ta' għargħar ta' kobor medju fl-Ewropa kollha bi żmien ta' tbassir ta' bejn tlitt ijiem sa għaxart ijiem, u li se tipprovdi tagħrif għat-tħejjija u t-tmexxija tal-għajnuna waqt kriżi ta' għargħar; u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti (EFFIS), li tappoġġja s-servizzi responsabbli għall-ħarsien tal-foresti kontra n-nirien fl-UE u l-pajjiżi ġirien, u li tipprovdi wkoll tagħrif dwar in-nirien fil-foresti fl-Ewropa.

**Bażi legali**

Skont l-għanijiet tal-azzjoni tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa pubblika kif stabbilit fl-Artikolu 152 tal-azzjoni Komunitarja tat-Trattat, din għandha tikkumplimenta l-politika nazzjonali, għandha tkun immirata lejn it-titjib tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni tal-mard tal-bniedem, u l-prevenzjoni tas-sorsi tal-periklu għas-saħħa tal-bniedem. Din l-azzjoni għandha tkopri l-ġlieda kontra l-flaġelli kbar tas-saħħa billi tippromwovi riċerka fuq il-kawża tagħhom, it-tixrid tagħhom u l-prevenzjoni tagħhom, kif ukoll tagħrif u edukazzjoni dwar is-saħħa. Il-bażi legali għall-adozzjoni ta' miżuri marbuta mas-saħħa tal-annimali u l-pjanti hi stabbilita fl-Artikolu 37 tat-Trattat.

---

4 20 ta' Diċembru 2007

5 Paragrafu 24 tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Settembru 2008 dwar l-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-Pjan ta' Ħidma Ewropew għas-Saħħa 2004-2010 (2007/2252(INI)).

6 Il-Paragrafu 26 tar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Settembru 2008 dwar l-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-Pjan ta' Ħidma Ewropew għas-Saħħa 2004-2010 (2007/2252(INI)).

## 1. IS-SAĦĦA TAL-BNIEDEM

Wara l-valutazzjonijiet tal-impatt li tmexxew f'għadd ta' pajjiżi Ewropej u riċerka ffinanzjata mill-UE u l-WHO-EURO, it-tibdil fil-klima hu mistenni li jkollu impatti fuq l-epidemjoloġija ta' ħafna mard u kundizzjonijiet tas-saħħa. Din il-valutazzjoni hi sostnuta wkoll minn rapporti[7] mill-WHO u l-IPCC[8] li jiddeskrivu l-impatt negattiv fuq is-saħħa umana.

Il-mod kif effetti tas-saħħa bħal dawn huma esperjenzati bejn u f'pajjiżi differenti mhux se jkun l-istess, ukoll minħabba l-għamla ġeografika tal-UE. In-natura u l-iskala tal-impatti finali se jiddependu fuq il-kapaċità adattiva u l-azzjonijiet ta' sistemi tas-saħħa u l-aċċess tal-linja bażi ta' popolazzjonijiet differenti għal dawn is-servizzi. Uħud mill-miżuri jistgħu jkunu effiċjenti biżżejjed taħt il-klima preżenti, iżda jistgħu jeħtieġu li jissaħħu jew li jiġu riveduti f'sitwazzjoni ta' tibdil fil-klima aktar b'saħħtu jew aċċellerat.

Is-sistemi tas-saħħa huma vulnerabbli għal avvenimenti estremi tal-klima. It-tibdil fil-klima jista' jkollu impatt fuq is-sistemi tas-saħħa billi jżid id-domanda għal servizzi tas-saħħa lil hinn mill-kapaċitajiet ta' dawn is-sistemi. Dan jista' jfixkel ukoll il-kapaċità tagħhom biex ilaħħqu mad-domanda billi jdgħajjef l-infrastruttura, it-teknoloġija u d-disponibbiltà tal-ħaddiema. Dan hu konness mat-tħejjija u r-reazzjoni għall-emerġenza.

### 1.1. L-Istrateġija tas-Saħħa tal-UE

L-Istrateġija tas-Saħħa tal-UE tirrikonoxxi l-importanza li jkunu indirizzati theddidiet maġġuri għas-saħħa. It-tibdil fil-klima u l-impatt tiegħu fuq is-saħħa pubblika huwa msemmi bħala sfida importanti f'termini ta' ħarsien taċ-ċittadini minn theddidiet tas-saħħa. Adottata fl-2007, l-istrateġija tistipula proposti għal azzjoni dwar it-tibdil fil-klima. Il-Kummissjoni mbagħad aċċettat li tfassal dokument dwar Aspetti tas-saħħa għal adattament għat-tibdil fil-klima[9].

### 1.2. Impatti tat-tibdil fil-klima diretti u indiretti fuq is-saħħa tal-bniedem

It-tibdil fil-klima se jaffettwa s-saħħa tal-bniedem, jew b'mod dirett – fir-rigward tal-effetti tas-sħana u l-bard – jew b'mod indirett, pereżempju, permezz ta' bidla fl-imġiba tal-bniedem (eż. migrazzjoni sforzata, aktar ħin imqatta' barra mid-dar), iż-żieda fit-teħid ta' mard li ġej mill-ikel jew mard li jinġarr minn organiżmi, jew effetti oħrajn ta' tibdil fil-klima, bħall-għargħar. Żieda ta' xi wħud minn dawn l-impatti diġà ġiet osservata fl-Ewropa dawn l-aħħar deċenji (pereżempju, is-sħanat tas-sajf fl-2003 biss huwa maħsub li rriżultaw f'aktar minn 70 000 mewta żejda (Robine et al, 2008)).

---

7 http://www.euro.who.int/Document/E91865.pdf paġna 9

8 http://www.ipcc.ch/pdf/assessment-report/ar4/wg2/ar4-wg2-spm.pdf

9 **Id-Dokument ta' Ħidma** tal-**Kummissjoni li jakkumpanja l-Komunikazzjoni Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013 {COM(2007) 630 finali}:** p. 33 "Il-Kummissjoni se tipproduċi rapport dwar it-tibdil fil-klima li jkopri għażla vasta ta' oqsma ta' interess inkluża s-saħħa. L-aktar tagħrif xjentifiku aġġornat dwar l-effetti tas-saħħa minn temp estrem u avvenimenti marbuta mat-tibdil fil-klima se jinġabar u jiġi analizzat biex jappoġġja reazzjonijiet effettivi fil-prevenzjoni u r-rispons għalihom. L-implimentazzjoni ta' sistemi ta' sorveljanza għall-effetti ewlenin tat-tibdil fil-klima bħal sħanat u għargħar se jiġu eżaminati. Il-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa tal-UE u l-infrastruttura biex ilaħħqu ma' livelli differenti ta' theddidiet għas-saħħa marbuta mal-klima se jiġu stmati, bl-għan li jkun sostnut l-ippjanar ta' kontinġenza għal sitwazzjonijiet ipotetikament perikolużi kif meħtieġ."

Mhux it-tibdil marbut mal-klima kollu huwa negattiv għas-saħħa tal-bniedem. F'żoni b'temp moderat, xtiewi inqas kesħin iwasslu għal inqas imwiet marbuta mal-kesħa. L-ambjent ta' ġewwa jiġi aħjar minħabba miżuri inqas kefrin biex iżommu temperaturi komdi ġewwa. Dawk li jaħdmu fil-beraħ jkollhom anqas tensjoni marbuta mal-kesħa fl-istaġun tax-xitwa, u din ittejjeb il-produttività. Staġun b'żieda ta' tkabbir flimkien ma' aktar preċipitazzjoni jippromwovi l-agrikoltura u l-produzzjoni tal-ikel iżda wkoll ġardinaġġ privat u attivitajiet oħrajn fil-beraħ.

**Morbidità u mortalità.** It-tħassib ewlieni fl-Ewropa huwa konness ma' mortalità u morbidità marbuta mas-sħana, minħabba żidiet fit-temperatura annwali u estremitajiet tas-sħana, għalkemm dawn is-sitwazzjonijiet huma wkoll influwenzati minn tibdil soċjo-ekonomiku minħabba tkabbir tal-popolazzjoni, tqassim skont l-età (il-popolazzjoni anzjana Ewropea) u fatturi oħrajn, bħall-migrazzjoni. Fil-pajjiżi tal-UE, huwa stmat li l-mortalità tiżdied b'1-4 % għal kull grad li jogħla fit-temperatura, jiġifieri li l-mortalità marbuta mas-sħana tista' togħla għal 30 000 mewta fis-sena sal-2030 u għal 50 000 sa 110 000 mewta fis-sena sal-2080, (proġett PESETA[10]). Dawk li jkunu daħlu sew fiż-żmien, li tkun naqsitilhom l-abilità li jikkontrollaw u jirregolaw it-temperatura ta' ġisimhom, huma l-aktar f'riskju li jmutu minn attakk tas-sħana u kundizzjonijiet kardjovaskulari, tal-kliewi, respiratorji u tal-metaboliżmu (Matthies et al, 2008). Filwaqt li l-għadd ta' mwiet totali huma marbuta bis-sħiħ mad-daqs tal-popolazzjoni, il-bidla fir-rati tal-imwiet tista' tkun ħafna ogħla fir-reġjuni fejn il-kundizzjonijiet iwasslu għal aktar sħana.

**Mard ġej mill-ikel[11].** Barra minn dan, mard infettiv sensittiv għat-temperatura, bħall-infezzjonijiet ġejjin mill-ikel (Salmonella sp, u oħrajn.) aktarx li jiżdied. Xogħol riċenti (PESETA, ibbażat fuq Kovats 2003) juri li l-ostaklu tal-mard fl-Ewropa jista' jkun sinifikanti b'potenzjalment żieda ta' 20 000 każ fis-sena sal-2030 u 25 000 għal 40 000 każ żejjed fis-sena sal-2080.

**Mard li jinġarr minn organiżmu ieħor[12]** Ħafna attenzjoni ġiet iddedikata għal tibdil fit-tendenzi tal-mard li jinġarr minn organiżmu li hu marbut mat-tibdil fil-klima. L-IPCC tipprevedi li t-tibdil fil-klima qed iwassal għal tibdil fit-trażmissjoni ta' mard infettiv minn organiżmi bħan-nemus u l-qurdien, bħala riżultat ta' tibdil fl-isfera ġeografika tagħhom, staġuni ta' attività u daqs tal-popolazzjoni (Confalonieri et al, 2007); tibdil fl-użu tal-art u fatturi soċjo-ekonomiċi (eż. l-imġiba tal-bniedem, il-moviment tan-nies u l-oġġetti) se jkomplu jkunu importanti wkoll. Għadd ta' mudelli investigaw iż-żieda potenzjali ta' riskju tal-malarja f'partijiet fl-Ewropa. Għalkemm tbassir preċiż huwa diffiċli fil-preżent, hemm qbil minkejja li r-riskju ġenerali ta' trażmissjoni tal-malarja marbut mat-tibdil fil-klima lokalizzata hu żgħir ħafna, speċjalment fejn hemm servizzi adegwati tas-saħħa u tmexxija tajba tal-kontroll tan-nemus (EEA/JRC/WHO, 2008).

Minkejja dan, jistgħu jitfaċċaw sfidi ġodda, bħal tibdil fid-distribuzzjoni u l-kapaċità tal-organiżmu – b'mod partikolari f'kombinazzjoni maż-żieda fil-mobilità tal-bniedem – li tista'

---

10 Ir-rapport PESETA, http://peseta.jrc.ec.europa.eu/docs/Agriculture.html

11 Mard ġej mill-ikel: infezzjoni li tittieħed mill-konsum ta' ikel jew xorb ikkontaminat. Għadd kbir ta' mikrobi u sustanzi tossiċi jistgħu jikkontaminaw l-ikel. Ħafna mill-250 marda magħrufa li ġejjin mill-ikel huma infettivi u huma kkawżati minn batterji, vajrusis, u parassiti. Mard ieħor li ġej mill-ikel hu essenzjalment avvelenamenti kkawżati minn tossini, kimiċi li jikkontaminaw l-ikel. Dardir, remettar, bugħawwieġ fiż-żaqq u d-diarrea huma frekwenti f'infezzjonijiet li ġejjin mill-ikel.

12 Mard kontaġġuż li jinġarr huwa mard ġej minn batterji, vajrus, jew mill-parassiti li jiġi trażmess lill-bnedmin bil-gidma jew bit-tingiża ta' organiżmu bħall-insetti, eż. nemus jew qurdien

tiffaċilita l-introduzzjoni u t-trażmissjoni lokali ta' patoġeni ġodda li qed jitfaċċaw. Fir-rigward ta' mard ieħor li ġej min-nemus, dan il-fenomenu ġara bit-**tifqigħa tal-vajrus Chikungunya** fl-2007 **fl-Ewropa**; il-preżenza sostnuta ta' organiżmu adattat tista' toħloq il-kundizzjonijiet għal tifqigħat lokali futur taċ-Chikungunya kif ukoll id-deni Dengue, għalkemm dan tal-aħħar hu anqas possibbli.

Tibdil fid-distribuzzjoni tal-qurdien ġie osservat ukoll. Il-limitu tad-distribuzzjoni tal-qurdien fl-UE qed tiċċaqlaq għan-naħat tat-tramuntana għal altitudnijiet ogħla; b'żieda ta' ċaqliq lejn xtiewi inqas kesħin tista' twassal għal espansjoni tal-popolazzjoni tal-qurdien u, konsegwentement, għall-espożizzjoni lill-bniedem għal Lyme borreljożi u l-Enċefalite li ġejja mill-qurdien. Hemm ukoll rapporti ta' tibdil fid-distribuzzjoni ġeografika tas-sand flies (nemusa mill-ġenus mutu *Phlebotomus* li xxerred il-marda virali *leishmaniasis*), li huma organiżmi ta' Leishmania sp. Jeħtieġ li jsir aktar xogħol biex jiddetermina r-rwol tat-tibdil fil-klima fl-epidemjoloġija futura ta' mard ieħor u jistgħu jgħaddu ħafna snin qabel ma jkun hemm stimi preċiżi disponibbli.

**Kwistjonijiet relatati mal-ilma.** Apparti mill-għargħar, għadd ta' kwistjonijiet oħrajn marbuta mal-ilma huma importanti wkoll. Ix-xita qawwija hi konnessa ma' għadd ta' tifqigħat ta' mard li ġej mill-ilma, minħabba l-mobilizzazzjoni ta' patoġeni jew kontaminazzjoni estensiva tal-ilma minn pajpijiet tad-drenaġġ li jfuru. Tnaqqis tal-flussi tal-ilma fis-sajf jista' jżid il-potenzjal għal kontaminazzjoni tal-batterji u l-kimiċi. Temperaturi ogħla tal-ilma jistgħu jirriżultaw ukoll f'żieda ta' okkorrenza ta' algi tossiċi. Żieda fil-kontaminazzjoni tal-batterja tal-ħmieġ mill-intestini aktarx li taffettwa wkoll l-ilma tax-xorb u ż-żoni tal-ilma li jintużaw għal rikreazzjoni. Barra minn dan, l-iskarsezza ta' ilma adattat għal prattiċi ta' rutina tal-iġjene li għandu sinifikat għoli għas-saħħa bħal ħasil tal-idejn kif xieraq jista' jikkontribwixxi għal aktar tifqigħ ta' mard infettiv.

**Kwalità tal-arja.** Hemm għadd ta' kwistjonijiet oħrajn tas-saħħa li qed jitfaċċaw mit-tibdil fil-klima fl-Ewropa, fejn il-kwantifikazzjoni u l-valutazzjoni għad ma ġewx esplorati biżżejjed fuq bażi wiesgħa Ewropea. Filwaqt li l-livelli tat-tniġġis niżlu b'mod drammatiku fid-deċenji riċenti fl-Ewropa, ir-riskji tas-saħħa tat-tniġġis tal-arja xorta għadhom sinifikanti, primarjament mill-materja partikola u l-ożonu (Strateġija Tematika dwar it-Tniġġis tal-Arja, TSAP[13]). Madankollu, il-politika futura dwar il-kwalità tal-arja u l-klima (il-mitigazzjoni) aktarx li tiddetermina kwalunkwe żieda futura fil-mard respiratorju u l-mortalità.

L-aktar effetti sinifikanti tat-tibdil fil-klima aktarx huma marbuta mal-ożonu – li hu inkwinant maġġuri f'ħafna partijiet tal-Ewropa. Ir-rapporti tal-istudju ŻEE/JRC/WHO li l-varjabbiltà tal-klima u t-tibdil fil-klima kkontribwixxew għal żieda fil-konċentrazzjoni tal-ożonu fiċ-ċentru u fil-lbiċ tal-Ewropa, u ż-żieda kkawżata mill-klima fil-livelli tal-ożonu jistgħu jfixklu l-isforzi tal-preżent tat-tnaqqis tal-ożonu. Ma hemmx proġettazzjonijiet dettaljati għall-effetti futuri tat-tibdil fil-klima fuq it-tniġġis tal-arja fl-Ewropa – u anki studji riċenti dwar it-tniġġis tal-arja (eż. TSAP) ma jqisux kif it-tibdil fil-klima jista' jinfluwenza l-livelli tal-kwalità tal-arja[14].

---

[13] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2005:0446:FIN:EN:PDF

[14] Huma stmati 21 000 mewta prematura mill-ożonu kull sena fl-UE, kif ukoll 'il fuq minn 100 miljun jum ta' sintomi respiratorji, ara t-TSAP.

**Allerġeni tal-arja.** Hemm ukoll il-potenzjal għal żieda fl-istaġuni u d-dewmien ta' kundizzjonijiet allerġiċi ('hay fever', ażma[15], b'implikazzjonijiet għal spejjeż diretti f'termini ta' kura u mediċini, kif ukoll sigħat mitlufa mix-xogħol. Finalment, jista' jkun hemm effetti indiretti tas-saħħa minħabba t-tibdil fil-klima li jaġixxi fuq determinanti oħrajn tas-saħħa, bħall-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra, il-livell ta' tniġġis tal-arja u n-natura, is-severità u l-ħin propizju tal-allerġeni tal-arja, bħall-polline jew il-moffa. Il-popolazzjonijiet li qiegħdin f'riskju potenzjali jinkludu t-tfal u l-anzjani. Madankollu, in-nies diġà qed ibatu minn kundizzjonijiet respiratorji kroniċi bħall-ażma, allerġiji serji jew marda tal-ostruzzjoni pulmonari kronika (COPD) se jkunu partikolarment f'riskju.

**Radjazzjoni ultravjola.** Impatt indirett ieħor fuq is-saħħa tat-tibdil fil-klima jiġi mit-tibdil b'mod potenzjali tar-radjazzjoni ultravjola. Diġà ġie muri li temperaturi ambjentali ogħla se jinfluwenzaw l-għażla tal-ilbies u l-ħin li jitqatta' fil-beraħ, b'potenzjal ta' żieda fl-espożizzjoni ultravjola f'uħud mir-reġjuni (Confalonieri et al., 2007). Aspetti ta' theddid potenzjali tal-UV huma esplorati mill-proġett EUROSUN dwar il-kwantifikazzjoni tal-espożizzjoni tax-xemx fl-Ewropa u l-effetti tagħha fuq is-saħħa. L-għan ta' dan il-proġett, li hu ffinanzjat mill-Programm tal-Komunità dwar is-Saħħa, hu li josserva l-espożizzjoni tal-ultravjola u l-korrelazzjoni tiegħu mal-inċiderza tal-kanċer tal-ġilda, inklużi l-melanoma malinna u l-kataretti[16].

**Mard mentali.** Aħna nafu diġà li effetti psikoloġiċi wara diżastri naturali akuti huma konsiderevoli, speċjalment fi gruppi b'riskju għoli bħat-tfal. Il-multiplikazzjoni ta' diżastri minħabba kundizzjonijiet negattivi tat-tibdil fil-klima jistgħu għalhekk iwasslu għal żieda fl-inċidenza ta' nies affettwati f'dan ir-rigward.

**Gruppi vulnerabbli.** Kif diġà stmat fir-rigward tal-impatt tas-sħanat, l-effetti ġenerali fuq is-saħħa tat-tibdil fil-klima għandhom jitqassmu b'mod mhux indaqs madwar ir-reġjuni tal-Ewropa. Minħabba li s-saħħa u l-benesseri huma marbuta ħafna mal-motivaturi soċjo-ekonomiċi bħad-dħul, id-djar, ix-xogħol, l-edukazzjoni, is-sess u l-istil ta' ħajja, l-impatti tat-tibdil fil-klima għandhom ibiddlu l-inugwaljanzi tas-saħħa ġewwa u bejn il-pajjiżi, u jwasslu għal tqassim mhux indaqs u ostakli addizzjonali għal gruppi b'inqas dħul u ċerti gruppi vulnerabbli, bħat-tfal, dawk li jaħdmu fil-beraħ, l-anzjani, in-nisa u nies b'mard li diġà kien jeżisti.

Bħala eżempju, il-mortalità marbuta mas-sħana tal-preżent uriet li qed tiżvela dependenza soċjoekonomika qawwija. Għal xi effetti, eż. l-mortalità marbuta mas-sħana u t-tniġġis tal-arja, l-anzjani huma ħafna aktar vulnerabbli, u jista' jkun hemm fatturi addizzjonali li jeffettwaw dan il-grupp li huma konnessi ma' status soċjoekonomiku.

**Żieda fil-migrazzjoni minħabba l-klima.** L-impatt tat-tibdil fil-klima fuq l-ekonomiji nazzjonali, id-disponibbiltà tal-ikel u l-ilma, kif ukoll il-livelli tal-baħar li qed jogħlew, jistgħu jwasslu għall-migrazzjoni tal-popolazzjoni mad-dinja kollha. Madankollu, il-kundizzjonijiet ambjentali li qed jiżdiedu se jkunu ta' impatt predominanti fuq il-mobilità interna u intrareġjonali. Il-ħtiġijiet li dejjem qed jiżdiedu għal għajnuna umanitarja u ħarsien tas-saħħa

---

[15] Studju tal-ISAAC (Studju Internazzjonali tal-Ażma u l-Allerġiji fit-Tfulija), prevalenza tal-ażma fit-tfal madwar iċ-ċentri Ewropej ta' studju tal-ISAAC varjaw minn 5 % għal 20 % fil-perjodu mill-1999 sal-2004. Sintomi tal-allerġija u tal-ażma huma assoċjati flimkien, fost kawżi oħrajn,

[16] Barra minn dan, mill-bidu tal-1980, il-Kodiċi Ewropea kontra l-Kanċer tirrakkomanda "biex wieħed jevita l-espożizzjoni eċċessiva tax-xemx," biex tappoġġja l-politika tal-Kummissjoni Ewropea għal prevenzjoni tal-kanċer. (http://www.cancercode.org/code_06.htm)

għall-gruppi vulnerabbli li qed jemigraw kemm lejn u wkoll ġewwa t-territorju tal-UE jistgħu jeħtieġu titjib fil-kapaċità tas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri.

Nistgħu wkoll nantiċipaw żieda f'popolazzjonijiet spostati li jaslu minn Stati mhux Membri tat-territorju tal-UE – li hi destinazzjoni migratorja frekwenti - biex jiżdiedu l-isfidi għas-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri. L-appoġġ li jiġi pprovdut mill-UE lill-pajjiżi tas-sors ta' migrazzjoni biex jittrattaw impatt potenzjali ta' tibdil fil-klima u b'nies spostati fuq il-post se jtaffi l-impatt potenzjali ta' tibdil fil-klima fuq l-ispostjar intern u intrareġjonali tan-nies. Dawn il-miżuri jistgħu jtaffu jew jillimitaw il-problemi potenzjali li jistgħu jiffaċċjaw l-Istati Membri. Bl-istess mod is-sistemi nazzjonali tas-saħħa fl-UE jistgħu jibbenefikaw mill-ippjanar tat-tħejjija biex itejbu l-kapaċità biex jittrattaw sfidi bħal dawn.

## 1.3. Strumenti għat-titjib tal-kapaċità tal-UE biex tirreaġixxi għat-Tibdil fil-Klima fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem.

### Titjib fis-Sigurtà tas-Saħħa

Il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa (HSC) ġie mwaqqaf mill-Kunsill bħala kumitat informali biex jindirizza t-tħejjija u r-reazzjonijiet għat-theddidiet maġġuri għas-saħħa, bħal avvenimenti tas-CBRN u l-influwenza pandemika. Dan jiffoka fuq tliet oqsma, li kull wieħed jiġi megħjun minn taqsima ta' rappreżentanti tal-Istati Membri. Dawn l-oqsma huma: (1) it-tħejjija ġenerika u r-reazzjoni għall-emerġenza tas-saħħa pubblika; (2) ir-reazzjoni għal attakki kimiċi, bijoloġiċi u radjunukleari (CBRN), u (3) it-tħejjija għall-influwenza u r-reazzjoni. Fuq il-bażi tax-xogħol tal-HSC, il-Kummissjoni adottat Komunikazzjoni (COM(2005) 605 finali tat-28.11.2005) dwar it-tisħiħ fil-koordinazzjoni tal-ippjanar tat-tħejjija ġenerika għal emerġenzi tas-saħħa pubblika fil-livell tal-UE.

Reazzjoni kkoordinata waqt emerġenza tas-saħħa pubblika teħtieġ konnessjoni ta' ċentri ta' kriżijiet ta' saħħa rilevanti fil-livell tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-UE u aġenziji internazzjonali. Ir-rekwiżiti għal ordni adattata u kontroll tinkludi: għarfien ta' sitwazzjoni ta' diżgrazzji u riżorsi, koordinazzjoni tar-reazzjoni u ta' komunikazzjonijiet, analiżi ta' tagħrif u tmexxija u simulazzjoni għal analiżi ta' avvenimenti u taħriġ.

Sabiex wieħed ikun lest għal kwalunkwe emerġenza jew kriżi, l-aspetti kollha msemmija hawn fuq għandhom jiġu evalwati u ttestjati. It-twettiq ta' avvenimenti u eżerċizzji speċifiċi ffokati hu wieħed mill-għadd ta' strumenti disponibbli għall-valutazzjoni tal-livell tat-prontezza, u għall-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fit-tħejjija tal-Unjoni Ewropea u l-komponenti tagħha. Ġie stabbilit qafas ta' kuntratt ta' tliet snin mill-Kummisjoni biex jipprovdi l-possibbiltà li jittestja u jtejjeb it-tħejjija permezz ta' kriżijiet simulati tas-saħħa tal-pubbliku minn xenarji mfassla biex ikopru ħames riżultati mmirati (studji ta' każijiet, eżerċizzji ta' simulazzjoni, eżerċizzji fuq impieg direttorali, eżerċizzji prattiċi u avvenimenti speċifiċi tat-taħriġ tal-persunal).

### Il-Programm għas-Saħħa tal-UE

Bħala estensjoni loġika ta' tħejjija, se jkun hemm ħtieġa għal għarfien ta' bidla u ta' sorveljanza u monitoraġġ.Għadd ta' għodod huma diġà disponibbli wara l-appoġġ li ngħata lill-proġetti taħt il-programm tas-saħħa tal-UE, b'mod partikolari b'konsegwenza ta' avvenimenti estremi tat-temp fl-Ewropa dawn l-aħħar snin.

Il-finanzjament ta' programmi tal-Komunità għenu biex javvanzaw l-istat tagħna ta' għarfien ta' dimensjonijiet tas-saħħa pubblika tat-tibdil fil-klima. Il-Programm tas-Saħħa tal-UE[17] jappoġġja proġetti u azzjonijiet biex itejjeb it-tagħrif dwar is-saħħa u l-għarfien għall-iżvilupp ta' sistemi ta' tagħrif tas-saħħa ambjentali: jindirizza espożizzjonijiet ambjentali, tniġġis tal-arja urbana jew josserva l-espożizzjoni tal-ultravjola u l-effetti tiegħu fuq inċidenza ta' kanċer tal-ġilda u kataretti. Il-finanzjament ġie pprovdut għal:

- **EUROHEIS**: Sistema Ewropea ta' Tagħrif dwar l-Ambjent u s-Saħħa għal Valutazzjoni ta' Riskju u l-Mappa tal-Marda; **Aphekom:** Titjib fl-għarfien u komunikazzjoni għal teħid ta' deċiżjonijiet fit-Tniġġis tal-Arja u s-Saħħa fl-Ewropa), u l-**EUROSUN:** Kwantifikazzjoni tal-espożizzjoni tax-xemx fl-Ewropa u l-effetti tagħha fuq is-saħħa.

F'konformità mal-Pjan ta' Ħidma dwar l-Ambjent u s-Saħħa, il-Programm tas-Saħħa tal-UE kkontribwixxa x-xogħol dwar determinanti tal-ambjent b'attenzjoni għall-azzjonijiet biex jiżviluppaw netwerks u jiskambjaw l-aħjar prattiċi; biex jindirizza kwalità tal-arja ta' ġewwa, filwaqt li jikkunsidra l-kombinazzjoni ta' effetti ta' materjal tal-bini, kimiċi tad-djar u kundizzjonijiet termali fid-djar tal-anzjani; biex jindirizza l-kwalità tal-arja ta' ġewwa fl-iskejjel. Il-finanzjament ġie pprovdut pereżempju għal

- **EuroHEAT** li jittratta ma' azzjonijiet f'livelli differenti: mit-tħejjija tas-sistema tas-saħħa kkoordinata ma' sistemi ta' twissija meteoroloġika bikrija għal parir mediku u pubbliku fil-ħin u titjib għall-ippjanar urban u tad-djar

L-azzjonijiet taħt il-faxxa tas-Sigurtà tas-Saħħa jiffokaw fuq l-iżvilupp u l-koordinazzjoni ta' sistemi ta' twissija u sorveljanza bikrija f'oqsma speċifiċi (eż. żmien ta' kesħa, l-effetti tal-għargħar fuq is-saħħa, l-ajruallerġeni, ir-radjazzjoni ultravjola u mard infettiv trażmess minn organiżmi u mard infettuż ieħor tal-bnedmin u tal-annimali), f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluż l-effetti tagħha fuq is-saħħa u l-evalwazzjoni ta' impatti tal-politika. Il-finanzjament ġie pprovdut lil: **CEHAPIS:** Il-pjan ta' ħidma għall-klima, l-ambjent u s-saħħa u s-sistema ta' tagħrif; **EUROMOMO:** Monitoraġġ Ewropew ta' mortalità eċċessiva għal azzjoni tas-saħħa pubblika; **HIALINE:** Impatti fuq is-Saħħa ta' Netwerk ta' Tagħrif ta' Ajruallerġeni; **CLIMATE-TRAP:** Adattament permezz ta' Taħriġ tat-Tibdil fil-Klima, Valutazzjoni u Tħejjija.

### Ir-rwol taċ-Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)

Wieħed mill-oqsma ta' kompetenza taċ-Ċentru Ewropew għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard, stabbilit bir-Regolament 851/2004/KE, jikkonċerna theddidiet għas-saħħa li qed jitfaċċaw.

Fit-termini ta' referenza tiegħu, l-ECDC investiga s-suġġett kollu tal-impatti fuq is-saħħa kkawżati mit-tibdil fil-klima. Fit-28-29 ta' Mejju 2008, l-ECDC ospita sessjoni ta' ħidma internazzjonali dwar il-konnessjoni tad-dejta tal-mard infettiv u ambjentali f'Sigtuna, l-Iżvezja. L-ECDC imbagħad kompla jiżviluppa studju komprensiv li hu vijabbli għan-Netwerk Ewropew għall-Ambjent u l-Epidemjoloġija (in-netwerk E3) flimkien ma' konsulenti esterni.

[17] Il-Programm għas-Saħħa Pubblika: http://ec.europa.eu/eahc/

Bil-konnessjoni ta' dawn is-sorsi ta' tagħrif, in-netwerk E3 jista' **jsaħħaħ it-twissija bikrija Ewropea għal avvenimenti ta' mard marbut mal-klima**. Għandu wkoll jippermetti t-**tbassir u l-mappa ta' riskju ta' inċidenza ta' marda infettiva marbuta mat-tibdil ambjentali.**

Minbarra li jesplora l-possibbiltajiet tan-netwerk E3, l-ECDC nieda proġetti diversi oħrajn li jiffokaw fuq l-impatti tat-tibdil fil-klima fuq it-tixrid ta' mard li jittieħed.

Fl-2007 l-ECDC ikkummissjona proġett ta' skala kbira mmirat lejn il-valutazzjoni tal-kobor u s-sinifikat ta' mard li jinġarr minn organiżmi fl-Ewropa. It-tibdil fil-klima, bħala wieħed mill-motivaturi tal-mard li jinġarr minn organiżmi, kien varjabbli kkunsidrat f'dan il-proġett. L-indikatur prinċipali tal-proġett hi l-identifikazzjoni ta' prijorità ta' mard li jinġarr minn organiżmi għall-Ewropa, ibbażat fuq il-possibbiltà ta' okkorrenza u l-impatti potenzjali fuq is-saħħa tal-bniedem.

L-ECDC qed jibni fuq ir-riżultati tal-proġett tal-mard li jinġarr minn organiżmi billi jiffoka f'aktar dettall fuq mard ta' prijorità speċifika. Proġett li diġà tnieda se jiżviluppa **l-mapep ta' riskju għad-Dengue**[18] **fl-UE**, ibbażati fuq għażla ta' varjabbli li tinkludi proġetazzjonijiet għat-tibdil fil-klima.

Sadanittant, l-ECDC ikkummissjonat **valutazzjoni ta' riskju komprensiva li tiffoka speċifikament fuq l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq l-ikel- u l-mard marbut mal-ilma fl-UE**. Il-miri għal dan il-proġett huma li jidentifikaw, jivvalutaw u jgħinu biex l-impatti antiċipati tat-tibdil fil-klima fuq perjodu taż-żmien twil jew qasir jingħataw prijorità fuq it-tendenzi ta' kif jiġi trażmess il-mard li jinġarr mill-ikel- u l-ilma, inkluża s-salmonella, il-listerija, il-kriptosporidjosi u l-kampilobatterjożi. L-użu tar-riżultati minn dan il-proġett, li huma mistennija lejn l-aħħar tal-2009, il-fażi li jmiss tal-proġett se tkun li jiġu żviluppati għodod għall-Istati Membri biex jiffaċilitaw il-valutazzjoni ta' riskju simili tagħhom stess f'dan il-qasam.

L-ECDC nieda wkoll **proġett biex jiġu żviluppati settijiet tal-għodda għall-Istati Membri dwar kif għandhom imexxu valutazzjonijiet ta' vulnerabbiltà u adattament marbuta mat-tibdil fil-klima u l-mard li jittieħed.** Dawn is-settijiet tal-għodda se jipprovdu lill-Istati Membri b'metodoloġiji xjentifikament sodi u algoritmi ta' teħid tad-deċiżjonijiet għat-tmexxija ta' valutazzjoni vulnerabbli u l-iżvilupp ta' strateġiji ta' adattament iffokati biex itaffu t-tixrid ta' mard li jittieħed.

Waqt l-2009, l-ECDC se jkun qed jikkoopera mal-Presidenza Żvediża tal-UE biex jgħin biex jorganizza sessjoni ta' ħidma ffokata fuq iż-żoonosijiet u t-tibdil fil-klima. Is-sessjoni ta' ħidma hi skedata li ssir fit-2/3 ta' Lulju 2009 f'Jönköping, l-Iżvezja.

**Il-Programm ta' Statistika Komunitarja**

L-Istħarriġ Ewropew dwar is-Saħħa permezz tal-Intervisti (l-EHIS) – li l-ewwel stadju tiegħu qiegħed jiġi implimentat fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) – qed josserva s-saħħa inklużi varjabbli li huma marbuta mal-ambjent bħala parti mill-ġbir ta' dejta tal-Eurostat dwar status tas-saħħa u determinanti tas-saħħa. L-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid

---

[18] Id-deni tad-Dengue hi marda bbażata fuq vajrus li jinfirex permezz tan-nemus. Hi kkawżata minn diversi vajrusis relatati, (erba' arbovajrusis differenti), u tinfirex permezz ta' gidma ta' nemusa, l-aktar in-nemusa *Aedes aegypti,* li tinsab f'reġjuni tropikali u sotto-tropikali.

1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas għal statistika tal-Komunità dwar is-saħħa pubblika u s-sigurtà tas-saħħa fuq ix-xogħol, se tkun ewlenija għal sistema sostenibbli ta' monitoraġġ għas-saħħa, li se jinkludi fost l-oħrajn dejta dwar is-saħħa umana marbuta mat-tibdil fil-klima.

**Ir-rwol tal-Programmi ta' Qafas tal-UE għar-Riċerka**

Il-ħames Programm ta' Qafas għar-riċerka pprovda appoġġ għal għadd ta' proġetti fil-qasam tat-tibdil fil-klima, bħall-proġett **PHEWE** (Valutazzjoni u Prevenzjoni ta' Effetti tas-Saħħa akuti tal-Kundizzjonijiet tat-Temp fl-Ewropa) u **cCASHh** (Strateġiji għat-Tibdil fil-Klima u l-Adattament għas-Saħħa tal-Bniedem fl-Ewropa).

Fis-Sitt Programm ta' Qafas (FP6), il-proġetti ewlenin rilevanti għall-effetti fuq is-saħħa tat-tibdil fil-klima huma **EDEN** u **MICRODIS.** Il-proġett EDEN (Mard li qed jitfaċċa fl-Ambjent Ewropew li qed Jinbidel) qed jistudja kif il-bidliet fl-ambjent u l-ekosistemi Ewropej, kemm jekk ikkawżati b'tibdil fit-tendenzi tal-attività umana kif ukoll bit-tibdil fil-klima, jistgħu jinfluwenzaw id-distribuzzjoni spazjali u temporali u d-dinamika ta' aġenti patoġeni umani. Il-proġett MICRODIS (Saħħa Integrata, Impatti Soċjali u Ekonomiċi ta' Avvenimenti Estremi: Evidenza, Metodi u Għodod) jimmira li jkabbar il-fondazzjoni empirika u xjentifika fuq ir-relazzjoni bejn avvenimenti estremi u saħħithom, impatti soċjali u ekonomiċi[19].

Proġetti FP6 addizzjonali li jindirizzaw sa ċertu punt effetti fuq is-saħħa tat-tibdil fil-klima jinkludu l-**GAL2EN** (Netwerk globali Ewropew għall-allerġija u l-ażma,) **INTARESE** (Valutazzjoni integrata tar-riskji tas-saħħa minn fatturi li jikkawżaw pressjonijiet ambjentali fl-Ewropa) u **CIRCE** (It-Tibdil fil-Klima u r-riċerka ta' impatt: l-ambjent Mediterranju)[19].

Skont is-Seba' Programm ta' Qafas għal Riċerka (FP7), żewġ proġetti **ARCRISK** (Riskji għas-saħħa fl-Artiku: Impatti fuq is-saħħa fl-Artiku u l-Ewropa minħabba tibdil ikkawżat mill-klima fiċ-ċikliżmu kontaminanti) u **CLEAR** (Tibdil fil-Klima, kontaminanti ambjentali u s-saħħa riproduttiva) li jeżaminaw ir-riskji tas-saħħa li jirriżultaw għall-popolazzjonijiet Artiki minn bidliet ta' tibdil ikkawżat mill-klima fid-distribuzzjoni ta' inkwinanti ambjentali ġew imnedija fl-2009[20]. Proġett fuq l-effetti fuq is-saħħa tat-tibdil tal-livell tal-wiċċ tar-radjazzjoni UV (**ICEPURE,** Kwantifikazzjoni tat-tibdil tal-livell tal-wiċċ tar-radjazzjoni UV u l-impatt tiegħu fuq is-saħħa tal-bniedem) beda din is-sena wkoll[21]. Fl-aħħar nett, ġie ffinanzjat il-proġett integrat **ESCAPE** (Studju Ewropew ta' Gruppi għall-Effetti tat-Tniġġis tal-Arja[22]) li jagħti ħarsa lejn l-effetti tat-tniġġis tal-arja fuq il-popolazzjonijiet Ewropej, filwaqt li jikkunsidra wkoll it-tibdil fil-klima.

Mit-tielet sejħa għal proposti FP7, is-sotto-attività tal-Ambjent u s-Saħħa taħt il-programm ta' kooperazzjoni tinkludi qasam għal finanzjament fuq l-impatti fuq is-Saħħa tat-tibdil fil-klima. Suġġetti ppreżentati fit-tielet sejħa għal proposti jittrattaw it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet tas-saħħa marbuta mal-ilma u bil-kwantifikazzjoni tal-impatti fuq is-saħħa tat-tibdil fil-klima f'pajjiżi bi dħul baxx li għadhom qed jiżviluppaw. Proġetti rilevanti oħrajn li jindirizzaw il-kwistjonijiet tat-tibdil fil-klima, huma l-**EUROSUN, PHEWE** u **cCASH**[23].

---

19 http://ec.europa.eu/research/environment/pdf/eur23460_en.pdf
20 ftp://ftp.cordis.europa.eu/pub/fp7/environment/docs/catalogue_projects_2008.pdf
21 ftp://ftp.cordis.europa.eu/pub/fp7/environment/docs/catalogue-projects-fp7envnmp_en.pdf
22 http://www.escapeproject.eu/index.php
23 http://ec.europa.eu/research/environment/themes/projects_en.htm#2

**Kooperazzjoni internazzjonali, It-Tkabbir tal-UE u l-Politika Ewropea tal-Viċinat**

Il-kooperazzjoni hi meħtieġa ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u bil-pajjiżi msieħba bi prijorità f'livell globali kif ukoll mal-pajjiżi tat-Tkabbir u tal-PEV fil-livelli reġjonali u Ewropej, u biex jiġu mistiedna l-pajjiżi ġirien biex jipparteċipaw f'azzjonijiet konġunti u biex ikunu mħeġġa biex jieħdu l-miżuri u jagħmlu x-xogħol meħtieġ, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali.

## 2. SAĦĦA TAL-ANNIMALI

### 2.1. Impatti fuq it-tibdil fil-klima diretti u indiretti fuq is-saħħa tal-annimali

Evoluzzjonijiet reċenti indikaw li t-tibdil fil-klima diġà kellu impatt fuq l-okkorrenza tal-mard tal-annimali, li hija doppja:

Mard li mhux suġġett għal-leġiżlazzjoni veterinarja tal-UE, li jaffettwa l-kundizzjonijiet tal-għixien tal-annimali u li jwassal għal patoloġiji bħal mard parassitiku (eż. infestazzjoni/kundizzjoni min-nematodes u t-taenia), kundizzjonijiet nutrittivi, xemxata jew deidrazzjoni li jistgħu jkunu importanti ħafna għas-sitwazzjoni ekonomika tal-bdiewa, filwaqt li l-istatus uffiċjali tas-saħħa tal-annimal għal mard infettiv li jittieħed jibqa' l-istess.

Mard li huwa kopert mil-leġiżlazzjoni internazzjonali u dik veterinarja tal-UE, li jinfluwenza r-riskju ta' okkorrenza ta' mard serju infettiv li jittieħed tal-annimali speċjalment mard li jinġarr minn organiżmi, mard li jiddependi fuq kundizzjonijiet speċifiċi tat-temp u dawk trażmessi minn annimali selvaġġi. Dan il-mard hu rilevanti biex jiġi ddeterminat l-istatus tas-saħħa tal-annimali ta' pajjiż. Dan jinkludi għadd ta' **mard li jinġarr minn organiżmi** bħad-deni ta' Rift Valley, il-Bluetongue, id-Deni Afrikan taż-Żwiemel, id-deni Afrikan tal-ħnieżer u d-deni tan-Nil tal-Punent u l-aktar importanti l-Bluetongue li tfaċċa ġewwa l-Pajjiżi l-Baxxi fis-sajf tal-2006 u l-persistenza attwali u t-tixrid lejn l-Iżvezja li hu lil hinn ħafna mit-tramuntana 'l barra mid-distribuzzjoni magħrufa tal-firxa tal-vajrus.

Id-dinamika ta' mard li **mhux miġrur minn organiżmi** bħall-infezzjonijiet bl-influwenza tat-tjur, jista' wkoll ikun influwenzat minn bidliet għal rotot migratorji tal-għasafar tal-ilma. L-UE diġà esperjenzat waqt il-bidu tal-2006 li t-temp kiesaħ ħafna f'ċerti żomi li jikkawża n-nuqqas ta' għalf u l-iffriżar mhux tas-soltu ta' ilmijiet miftuħa zforza lill-għasafar tal-ilma biex jibdlu r-rotot tat-titjira tagħhom li wasslet għall-introduzzjoni tal-influwenza ta' patoġenija qawwija tat-tjur tas-sotto-tip H5N1 fl-UE. Uħud mill-ispeċi tal-għasafar selvaġġi diġà naqsu l-firxa tagħhom ta' migrazzjoni, li tista' tikkontribwixxi wkoll għall-firxa ta' ċertu mard infettiv tal-ħut f'żoni ġodda. Vajrus persistenti fl-ambjent inkluż fl-ilma jista' wkoll jiġi influwenzat mill-bidliet fit-temperatura.

**L-annimali selvaġġi** għandhom rwol importanti fit-tixrid tal-mard tal-annimali bħall-influwenza tat-tjur, ir-rabja, id-deni klassiku tal-ħnieżer u t-tuberkolożi. It-tnaqqis ta' disponibbiltà ta' ilma jwassal għal żieda fil-kongregazzjoni tal-annimali li tikkawża kundizzjonijiet għaċ-ċirkolazzjoni persistenti tal-patoġeni.

### 2.2. Strumenti għat-titjib tal-kapaċità tal-UE biex tirreaġixxi għat-Tibdil fil-Klima fir-rigward tas-saħħa tal-annimali.

#### Ir-rwol tal-Istrateġija tal-Komunità tas-Saħħa tal-Annimali[24]

Minħabba li l-prevenzjoni aktar milli r-reazzjoni għall-mard tal-annimali hi l-punt fokali tal-Politika tal-Komunità tas-Saħħa tal-Annimali, din timmira wkoll li tikkunsidra influwenzi ċari tat-tibdil fil-klima fuq l-annimali.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija jipprovdi għal titjib ta' ġbir ta' dejta, skambju ta' dejta u t-tisħiħ ta' sistemi ta' sorveljanza ta' mard eżistenti tal-annimali. L-iżvilupp tas-Sistema l-ġdida ta' Tagħrif dwar il-Mard tal-Annimali (ADIS) se jipprovdi dejta aħjar u epidemjoloġikament

---

[24] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni COM539 (2007) 539.).

aktar komparabbli ma' maniġers ta' riskju, li tgħinhom jidentifikaw aħjar, jevalwaw u jwieġbu għal sitwazzjonijiet ta' mard li qed jinbidlu jew jitfaċċaw.

**Task force ta' esperti epidemjoloġiċi dwar is-sorveljanza tal-mard tal-annimali (TFADS)** ġie stabbilit mill-Kummissjoni biex jagħti parir dwar titjib tas-sistemi preżenti tal-UE għas-sorveljanza tal-mard tal-annimali u dwar strateġiji ġodda ta' sorveljanza, eż. id-Deni tan-Nil tal-Punent. Sabiex jiġu evalwati r-riskji tal-okkorrenza ta' mard li jinġarr minn organiżmi li huma influwenzati ħafna mill-kundizzjonijiet tat-temp u t-tibdil fil-klima, it-tbassir tat-temp u l-analiżi se jiġu inklużi fis-sistema bikrija ta' twissija.

Għat-twaqqif ta' **aktar banek tat-tilqim għal ċertu mard infettiv tal-annimali** għal assigurazzjoni ta' tħejjija aħjar, reċentement il-Kummissjoni waqqfet task force biex tipprovdi pariri esperti dwar din il-kwistjoni. Is-sorveljanza tal-mard għandha tkun ikkombinata ma' netwerk ta' laboratorji esperti b'kapaċitajiet dijanjostiċi xierqa biex twettaq it-testijiet għal mard li għadu rari jew eżotiku, eż. id-Deni ta' Rift Valley. Għal xi mard se jkun meħtieġ li tissaħħaħ aktar il-kollaborazzjoni ma' esperti tal-laboratorji ta' pajjiżi terzi li għandhom esperjenza speċifika tal-marda kkonċernata u biex timmobilizza u tikkoordina riżorsi xjentifiċi madwar l-UE sabiex tipprovdi parir xjentifiku fl-eżenzjoni tal-EFSA fil-qasam tas-Saħħa tal-Annimali.

**Approċċ integrat għal ġbir ta' dejta u analiżi epidemjoloġika, entomoloġika u ambjentali** hu kruċjali biex jimmassimizza s-sinerġija u jevita d-duplikazzjoni. Hemm ukoll pjanijiet biex jiġu integrati attivitajiet ta' sorveljanza tal-mard fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali permezz ta' titjib fil-kooperazzjoni u l-iskambju ta' għarfien.

**Titjib fit-Tħejjija u l-Għarfien tal-Mard tal-Annimali**

Bħala parti mill-**pjanijiet ta' kontinġenza għal ċertu mard infettiv tal-annimali** l-Istati Membri għandhom jassiguraw l-għarfien u t-tħejjija. Dawn il-pjanijiet għandhom jikkonsistu f'tagħrif mħejji minn qabel għall-bdiewa, il-veterinarji, is-setturi relatati u l-pubbliku ġenerali, inklużi d-deskrizzjonijiet tal-mard, miżuri preventivi u miżuri prattiċi ta' kontroll. Il-leġiżlazzjoni veterinarja teħtieġ ukoll li l-eżerċizzji ta' simulazzjoni jsiru b'mod regolari.

**Kxif bikri ta' u reazzjoni għal stampa li qed tinbidel ta' mard** hu element ewlieni fl-Istrateġija tal-Komunità tas-Saħħa tal-Annimali biex jiżgura l-għarfien u t-tħejjija tal-marda. Bdiewa, veterinarji, il-persunal tal-biċċerija, sidien ta' ħwienet tal-annimali domestiċi, sidien privati tal-annimali domestiċi (inklużi dawk li jżommu annimali eżotiċi) u oħrajn li jżommu l-annimali għandhom jinnotaw tibdil żgħir fl-imġiba tal-annimal u d-dejta ta' produzzjoni.

Komunikazzjoni ċara mal-partijiet interessati hi kruċjali biex tagħmel lil dawk kollha li għandhom l-annimali konxji tar-responsabbiltà tagħhom fil-kuntest ġenerali tas-saħħa tal-annimali, is-sigurtà fl-ikel u s-saħħa tal-bniedem li flimkien jifformaw il-kunċett ta' "Dinja Waħda – Saħħa Waħda". Is-sensittività għat-tibdil fil-klima hi aspett li għandu jiġi kkunsidrat bħala prijorità fl-eżerċizzju ta' kategorizzazzjoni tar-riskji tas-saħħa tal-annimali li huma rilevanti għall-intervent tal-UE.

**Reazzjoni għal kriżijiet tas-saħħa tal-annimali**

Il-kapaċità biex tirreaġixxi għall-kriżijiet tas-saħħa tal-annimali diġà ilha teżisti fil-Kummissjoni bbażata fuq it-tħejjija għall-kriżijiet, skambju rapidu ta' tagħrif u kollaborazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet veterinarji tal-Istati Membri biex jirreaġixxu u

jimmaniġġjaw malajr il-kriżijiet tas-saħħa tal-annimali. . Din ippruvat li hi effettiva biex ittaffi l-impatt ta' tifqigħ ta' mard li jittieħed fuq is-saħħa tal-bniedem u tal-annimali (eż. influwenza ta' patoġenija qawwija tat-tjur tas-sotto-tip H5N1). L-ambitu ta' dawn il-miżuri jista' jiġi estiż biex jinkludi mard ieħor li qed jitfaċċa.

**Ir-rwol tar-riċerka fil-qasam tas-saħħa tal-annimali u l-adattament għat-tibdil fil-klima**

Il-Programmi ta' Qafas ipprovdew appoġġ għal numru konsiderevoli ta' proġetti rilevanti għall-politika tas-saħħa tal-annimali u ta' interess partikolari fir-rigward tat-tibdil fil-klima u l-oqsma ta' azzjonijiet.

Fis-seba' Programm ta' Qafas, ir-riċerka tas-saħħa tal-annimali hi rrinfurzata u ffokata biex tikkunsidra l-bidliet li qed isiru b'mod rapidu fil-livell globali inkluż b'mod speċjali fir-rigward tat-tibdil fil-klima li teffetwa b'mod dirett l-ekoloġija u l-evoluzzjoni tal-aġenti infettivi, l-organiżmi u l-ospitanti tagħhom li qegħdin iżidu t-theddidiet li qed jitfaċċaw jew li se jerġgħu jitfaċċaw.

Pereżempju, il-proġetti **ASFRISK** (L-evalwazzjoni u l-kontroll tar-riskju tad-deni Afrikan tal-ħnieżer fl-UE) u **ARBOZOONET** (Netwerk Internazzjonali għall-bini ta' kapaċità għall-kontroll tat-tfaċċar tal-mard virali żoonotiku li jinġarr minn organiżmi) li bħalissa għadhom għaddejjin taħt is-seba' Programm ta' Qafas jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti fil-ħidma tal-adattament tat-tibdil fil-klima fir-rigward tas-saħħa tal-annimali.

## 3. SAĦĦA TAL-PJANTI

### 3.1. Impatti tat-tibdil fil-klima diretti u indiretti fuq is-saħħa tal-pjanti

Huma mistenni li t-tisħin globali se jaffettwa s-sistemi tal-kultivazzjoni, it-tkabbir tal-pjanti u l-veġetazzjoni naturali bħall-foresti, mergħat u masġar, minħabba li l-klima hi d-determinant ewlieni tad-distribuzzjoni ġeografika. Fil-preżent il-pressjoni fuq l-agrikoltura u l-forestrija mill-insetti li jeqirdu l-pjanti u l-mard li jinġarr mill-insetti hi inqas f'latitudnijiet ogħla, minħabba kundizzjonijiet tal-klima inqas favorevoli. Fir-reġjuni ġeografiċi tat-tramuntana l-problemi kemm minn parassiti li mhux qegħdin kwarantina u dawk li qegħdin kwarantina huma kkunsidrati li huma inqas minn dawk osservati fin-nofsinhar.

Flimkien mal-bidliet kummerċjali, li huma kkunsidrati bħala l-mogħdija ewlenija għall-introduzzjoni ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara u speċi invażiva, it-tisħin globali għandu rwol kumplimentari minħabba li hu l-"motivatur ieħor importanti tal-bidla" li jaffettwa kemm l-inċidenza u s-severità tal-mard tal-pjanti. B'mod ġenerali, dan jista' jkollu konsegwenzi ekonomiċi negattivi fuq il-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' billi jimponi spejjeż addizzjonali fuq addizzjonijiet agrikoli bħal pereżempju l-protezzjoni tal-uċuħ tar-raba'.

Effett konsiderevoli fuq il-mogħdijiet ta' introduzzjoni ta' parassiti eżotiċi f'reġjuni ġeografiċi ġodda hu antiċipat: kif il-kundizzjonijiet tal-klima jsiru aktar favorevoli, parassiti ġodda jew dawk migranti tal-pjanti jistgħu jiġu stabbiliti jew jinfirxu aktar b'mod wiesa' f'żoni li qabel kienu kkunsidrati bħala żoni mingħajr dawn l-insetti. Eżempju hu dak tan-nematodu tal-pini *Bursaphelenchus xylophilus* li bħalissa qed jikkawża ħafna ħsara fil-Portugall. In-nematodu huwa theddida konsiderevoli għaż-żoni tat-tramuntana fl-UE u ġie stmat li jekk it-temperatura medja tiżdied aktar minn 20ºC f'Lulju jew Awwissu, għandha tkun mistennija mortalità ta' 50-90 % tal-koniferi.

Minħabba r-reġjun ġeografiku, il-varjazzjoni fil limiti tat-temperatura u tibdil fit-tendenzi ta' preċipitazzjoni jistgħu jirriżultaw f'nixfiet jew għargħar li jieħdu fit-tul u/jew li jkunu aktar frekwenti. Pjanti indiġeni se jkunu suġġetti għal aktar pressjoni ambjentali u se jsiru aktar vulnerabbli għall-parassiti u għall-mard. Fil-prinċipju, tifqigħ ta' patoġeni tal-moffa u batterjoloġiċi huma mistennija li jiżdiedu kemm fin-numru u fir-rigward tas-severità tat-tifqigħ f'żoni b'żieda ta' xita[25]. Madankollu, sjuf aktar sħan jistgħu jiffavorixxu wkoll ċerti fungi termofiliċi.

Temperaturi għoljin fix-xitwa u r-rebbiegħa se jtawlu l-perjodu ta' veġetazzjoni billi jbiddlu ċ-ċikli tat-tkabbir ta' pjanti ospitanti u t-tolleranza tagħhom. Aktar ġenerazzjonijiet ta' insetti se jibdew jidhru f'kull staġun tat-tkabbir. Kemm il-popolazzjoni tal-insetti kif ukoll l-ammont ta' *fungi inoculum* li jsalvaw fil-perjodu tax-xitwa se jiżdiedu, b'riżultat ta' aktar inċidenzi ta' infezzjonijiet fl-istaġun ta' kultivazzjoni li ġej. Dejta addizzjonali turi li, waqt is-sjuf sħan, ċerti speċi ta' insetti estendew il-firxa ġeografika tagħhom aktar lejn in-naħa tat-tramuntana. Se jkun aktar diffiċli biex jiġu fornuti stokkijiet ta' materjal ta' propagazzjoni, bħall-patata taż-żriegħ, anki fil-latitudnijiet tat-tramuntana minħabba xtiewi aktar sħan se jiffavorixxu s-sopravivenza ta' speċi afidi u jiffaċilitaw il-firxa ta' mard bil-vajrus waqt is-sajf. Barra minn dan, temperaturi ogħla tax-xitwa u perjodi mifqugħa bl-ilma aktar twal se joħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-iżvilupp ta' tmermir tal-għeruq u ġlata.

Min-naħa l-oħra, konċentrazzjonijiet għoljin ta' $CO_2$ fl-atmosfera, flimkien maż-żieda fit-temperatura, jistgħu possibilment jirriżultaw f'żieda fil-produzzjoni tal-bijomassa li taffettwa r-rendiment tal-uċuħ tar-raba' b'mod ġenerali. Tidwib parzjali tas-silġ u l-permafrost (is-saff ta' silġ permanenti taħt il-wiċċ) jista' jwassal għal tnaqqis tat-tundra tal-artiku u għall-espansjoni ta' foresti lejn it-tramuntana. Pjanti oħrajn, inklużi speċi ġodda tal-uċuħ tar-raba' u varjetajiet, jistgħu jsibu kundizzjonijiet tat-tkabbir aktar adattati u t-tendenza għall-produzzjoni taċ-ċereali f'latitudnijiet tan-nofs u għoljin se tiżdied.

Għalhekk, ikun raġonevoli li wieħed jassumi li ħafna mill-parassiti jkollhom potenzjal li jagħmlu aktar ħsara minħabba t-tisħin globali. Huwa possibbli wkoll li l-għedewwa naturali tal-parassiti jistgħu jiżdiedu, billi jagħmlu l-effett ġenerali inqas prevedibbli. Dan jiġri minħabba li f'ħafna każijiet hemm bilanċ delikat bejn il-parassiti/il-mard, l-għedewwa naturali tagħhom u l-pjanti ospitanti tagħhom.

Fir-rigward tas-saħħa tal-pjanti, hu rikonoxxut li ż-żieda rapida reċenti fl-agrikoltura (eż. id-dudu tal-għeruq tal-qamħirrun tal-Punent Diabrotica virgifera virgifera), il-forestrija u s-siti ta' ħdura pubblika (eż. In-nematodu tal-pini Bursaphelenchus xylophilus Pitch canker Gibberella circinata u Parassiti fil-palm Rhynchophorus ferrugineus) inkursjonijiet tal-parassiti, fl-UE teħtieġ li tistabbilixxi konnessjonijiet aktar mill-qrib bejn is-saħħa tal-pjanti u l-politika ambjentali.

## 3.2. Strumenti għat-titjib tal-kapaċità tal-UE biex tirreaġixxi għat-Tibdil fil-Klima fir-rigward tas-saħħa tal-pjanti.

L-għodda leġiżlattiva eżistenti tad-Direttiva Komunitarja tal-Kunsill 2000/29/KE flimkien mad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jipprevedu miżuri ta' emerġenza jikkonsistu fid-difiża ewlenija kontra l-introduzzjoni jew tixrid fil-Komunità ta' organi¿mi ta' kwarantina li jagħmlu l-ħsara. Skont din il-leġiżlazzjoni, l-Istati Membri jinnotifikaw tifqigħ ġdid ta'

25 http://www.foresight.gov.uk/Infectious%20Diseases/t7_2a.pdf

organiżmi li jagħmlu l-ħsara li diġà jeżistu iżda li għad mhumiex stabbiliti. Barra minn dan, huma jipprevedu kontrolli għas-saħħa tal-pjanti li għandhom isiru fil-punti tad-dħul tal-Komunità jew punti ta' destinazzjoni, kif ukoll għall-kxif bikri ta' parassiti ta' pjanti ġodda li jitfaċċaw.

Il-Kummissjoni diġà stabbilixxiet sistema għall-kontroll, spezzjoni u evalwazzjoni, tas-sitwazzjoni, bl-użu tal-għodda ewlenija tal-EUROPHYT, il-bażi tad-dejta tal-UE ta' kunsinni interċettati u organiżmi li jagħmlu l-ħsara (l-ekwivalenti tas-saħħa tal-pjanti tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF)). Netwerk ta' esperti tal-Organizzazzjonijiet Nazzjonali għall-Protezzjoni tal-Pjanti, jiltaqgħu kull xahar fil-kumitat regolatorju rilevanti biex jiddiskutu s-sitwazzjoni u biex jiddeċiedu dwar it-tmexxija tar-riskju fitosanitarju li ġej minn tifqigħ reċenti u aktar bikri ta' organiżmi ta' kwarantina li jagħmlu l-ħsara. Il-bord tas-saħħa tal-pjanti fl-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel tista' tipprovdi ġustifikazzjoni xjentifika jew valutazzjoni ta' riskji ta' parassiti.

### Ir-rwol tar-Riċerka

L-UE qed issostni sforz kostanti fuq ir-riċerka tas-saħħa tal-pjanti fi ħdan Programmi suċċessivi ta' Qafas għar-Riċerka. Fis-sitt u s-seba' Programm ta' Qafas, madwar 25 proġett ta' riċerka qed jappoġġjaw direttament jew indirettament ir-reġim Komunitarju tas-saħħa tal-pjanti u l-protezzjoni tal-pjanti b'mod ġenerali. Dawn il-proġetti ta' riċerka qed jittrattaw kwistjonijiet tas-saħħa tal-pjanti li jsegwu angoli differenti bħall-użu ta' aġenti tal-bijokontroll, miżuri ta' trażżin, reżistenza tal-pjanti, użu sostenibbli tal-prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti jew approċċi aktar integrati bħall-Ġestjoni Integrata tal-parassiti (IPM).

Uħud minnhom huma mexxejja dinjija fil-qasam tagħhom bħal **ENDURE** (Netwerk Ewropew għall-Esplojtazzjoni Dejjiema ta' Strateġiji tal-Protezzjoni tal-Kultivazzjoni) jew **BIOEXPLOIT** (Esplojtazzjoni tal-Bijodiversità tal-Pjanti Naturali għall-Produzzjoni tal-Ikel mingħajr Pestiċida). **EUPHRESCO** huwa l-hekk imsejjaħ **ERA-NET** li kiseb suċċess, li jimmira lejn il-koordinazzjoni u l-integrazzjoni ta' programmi nazzjonali differenti ta' riċerka fitosanitarja Ewropea.

L-intenzjoni hi li ssostni dan l-isforz ta' riċerka b'reazzjoni għall-ħtiġijiet li ġejjin mill-globalizzazzjoni, it-tibdil fil-klima u motivaturi oħrajn, bi qbil bejn l-istituzzjonijiet u s-servizzi Ewropej, l-awtoritajiet nazzjonali, il-Komunità ta' riċerka u partijiet interessati oħrajn.

## 4. KONKLUŻJONIJIET

Il-White Paper dwar "L-adattament għat-tibdil fil-klima: Lejn qafas Ewropew għal azzjoni" li jissuġġerixxi li jsaħħaħ ir-reżistenza tas-sistemi soċjali u tas-saħħa u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu assigurati sorveljanza u kontroll adegwati għall-impatti fuq is-saħħa tat-tibdil fil-klima, bħas-sorveljanza epidemjoloġika u l-kontroll ta' mard li jittieħed jew l-effetti ta' avvenimenti estremi. Sabiex jiġu implimentati l-azzjonijiet previsti fid-Dokument, il-passi li ġejjin għall-qasam tas-saħħa jeħtieġ li jingħataw prijorità permezz tal-Programm tas-Saħħa tal-UE, permezz tal-Istrateġija Komunitarja tas-Saħħa tal-Annimali u permezz tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar Mard li Jittieħed, il-kontroll tal-mard tal-annimali u dwar is-saħħa tal-pjanti, u permezz ta' pjanijiet ta' ħidma ta' aġenziji rilevanti:

- L-iżvilupp ta' **gwida dwar is-sorveljanza** li trid titqabbel ma' sostenn għall-implimentazzjoni u l-iżvilupp ta' kapaċità, bħas-sostenn mikrobijoloġiku għall-kxif tal-perikli tal-ikel u għarfien etnomoloġiku u kapaċità. Huwa mistenni li din il-gwida se tkun imħejjija sal-2011.

- L-iżvilupp ta' **pjanijiet ta' ħidma dwar is-saħħa minħabba temp estrem** jeħtiegu li jkunu integrati fl-ippjanar tat-tħejjija tal-awtoritajiet u s-servizzi tas-saħħa sabiex jgħinu lill-Istati Membri jivvalutaw il-vulnerabbiltajiet tagħhom għal tibdil fil-klima marbuta mas-saħħa u jiżviluppaw strategiji ta' adattament marbuta mas-saħħa.

- It-tisħiħ ta' **kooperazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi tas-saħħa tal-bniedem**, l-annimali u l-pjanti fil-Kummissjoni u l-Istati Membri u t-titjib b'mod partikolari ta' sorveljanza li se teħtieġ li tkun konnessa aktar mal-għarfien u ma' bażijiet ta' intelliġenza, bħall-monitoraġġ meteoroloġiku, id-dejta entomoloġika, ir-reġistri tal-kwalità tal-ilma, il-miżuri tal-kwalità tal-arja, it-tagħrif ta' sensitizzar mill-bogħod , il-ġeoloġija, id-densità tal-popolazzjoni u ħafna aktar sorsi ta' tagħrif madwar l-Ewropa; il-valur ta dan it-tagħrif ġie muri b'mod effettiv mill-ambjent Ewropew u n-netwerk tal-epidemjoloġija.

- Il-kapaċità rinfurzata biex jiġi żviluppat **mudell tal-effetti tas-saħħa** bħala funzjoni ta' temp estrem u l-ksib tad-dejta biex jiġu ddefiniti l-ħtiġijiet għal tbassir imtejjeb tas-sħanat.

- Ir-rinforz tal-**politika u t-taħriġ tas-saħħa pubblika**, inklużi s-sorveljanza effettiva u s-sistemi ta' reazzjoni għall-emerġenza, u l-prevenzjoni sostenibbli u l-programmi ta' kontroll.

- Valutazzjoni tal-effetti tat-tibdil fil-klima fuq **gruppi soċjali vulnerabbli**.

- Aktar sforzi lejn l-**identifikazzjoni ta' miżuri effiċjenti tas-saħħa** u reazzjoni għas-saħħa pubblika, inklużi t-tisħiħ ta' servizzi mediċi ta' emerġenza, twissija bikrija, edukazzjoni u l-involviment tal-gruppi vulnerabbli ta popolazzjoni, u aċċessibilità aħjar għal determinanti ewlenin tas-saħħa, bħall-ilma nadif, l-enerġija u kundizzjonijiet tajba għall-protezzjoni tas-saħħa. Dan l-aspett se jkun inkluż fil-ħidma dwar l-Inugwaljanza tas-Saħħha, li bħalissa qed tiġi żviluppata.

- **Il-kollaborazzjoni internazzjonali**, b'mod partikolari mal-aġenziji u korpi internazzjonali bħall-WHO, l-OIE u l-FAO, huma dimensjoni importanti, kif muri fil-White Paper: Hemm aktar xogħol x'isir inkluż:

- **Il-kooperazzjoni mal-WHO** u fil-Qafas għal azzjoni tal-WHO fir-Reġjun Ewropew u r-riżoluzzjoni tal-WHA dwar it-tibdil fil-klima u s-saħħa tikkumplimenta l-azzjonijiet tal-WHO fit-territorju tal-UE.

- **Integrazzjoni aħjar ta' netwerks ta' sorveljanza għall-mard tal-annimali** billi titjieb il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien f'kuntest aktar wiesa', bħall-qafas tal-Politika tal-Viċinat (PEV). Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari mal-pajjiżi msieħba ta' prijorità f'livell globali kif ukoll bit-Tkabbir u l-pajjiżi tal-PEV f'livelli reġjonali u Ewropej. Aktar promozzjoni tal-valutazzjonijiet tat-tħejjija tat-tibdil fil-klima bħala parti integrali tal-valutazzjonijiet ta' sikurezza jistgħu jinkisbu billi l-pajjiżi ġirien jiġu mħeġġa b'mod attiv biex imexxu azzjonijiet konġunti, u biex jagħmlu x-xogħol u jieħdu l-miżuri meħtieġa, inkluż l-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali.

- **It-tħaffif tas-sorveljanza u l-kontroll tal-mard tal-annimali** billi jitrawmu miżuri preventivi kif diġà previsti mill-Istrateġija Komunitarja għas-Saħħa tal-Annimali u ġbir imtejjeb ta' dejta permezz tas-Sistema ta' Tagħrif dwar il-Mard tal-Annimali (ADIS). Din se tipprovdi aktar tagħrif dettaljat dwar it-tifqigħat tal-mard tal-annimali fl-Istati Membri u se jkun aktar f'linja mas-sistemi internazzjonali ta' rappurtar tal-mard, bħal WAHIS (Sistema Dinjija ta' Tagħrif dwar is-Saħħa tal-Annimali) tal-OIE (L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali) u ċ-Ċentru ta' Tmexxija ta' Kriżi CMC) u s-Sistema Globali ta' Twissija Bikrija (GLEWS).

- Integrazzjoni aħjar tax-xogħol tal-Kummissjoni billi **tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-pajjiżi ġirien**, bħal pereżempju, permezz tal-Unjoni Ewro-Mediterranja u l-PEV u fil-qafas tal-GF-TADS, il-**Qafas Globali għall-Kontroll Progressiv ta' Mard Transkonfinali**, stabbilit mill-OIE u l-FAO (l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura).

- Mira akbar lejn l-assigurazzjoni tal-**approċċ ikkoordinat fir-reazzjoni għal tifqigħ tal-mard** tal-annimali b'implimentazzjoni adegwata ta' pjanijiet ta' kontinġenza tal-Istati Membri, tħejjija, miżuri ta' sorveljanza u preventivi; armonizzazzjoni wiesgħa ta' leġiżlazzjoni dwar miżuri ta' kontroll u regoli tal-kummerċ fir-rigward ta' mard divers infettiv – inklużi dawk li jista' jkollhom impatt mit-tibdil tal-klima – tippermetti għal azzjoni Komunitarja estensiva.

- Il-kontinwazzjoni ta' provvediment kif xieraq, **kofinanzjament għal sorveljanza, tilqim ta' eradikazzjoni u ta' emerġenza** li jiddependi fuq is-sitwazzjoni tal-marda. Il-Kummissjoni diġà qed issaħħaħ is-sorveljanza eżistenti tagħha u s-sistemi ta' kxif bikri b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u l-gruppi ta' esperti b'mod partikolari fir-rigward ta' mard li jinġarr minn organiżmi li fil-preżent jew qed jinfirxu jew qed jitfaċċaw f'żoni li ma kinux affettwati fit-territorju tal-UE.

- Bħalma ġara fis-saħħa tal-bniedem u tal-annimali, l-inċertezza ta' effetti tat-tisħin globali fuq il-produzzjoni tal-kultivazzjoni u l-forestrija tassumi l-ħtieġa għal **evalwazzjoni ta' min jorbot fuqha** tar-riskji assoċjati għal introduzzjonijiet ġodda ta' organiżmi ta' kwarantina li jagħmlu l-ħsara, minħabba li kwalunkwe konsegwenza negattiva tista' taffettwa mhux biss is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, iżda wkoll is-sigurtà tal-ikel[26].

- **Jiġu stabbiliti konnessjonijiet aħjar bejn il-politika tas-saħħa u tal-ambjent**. Barra mill-protezzjoni tal-agrikoltura u l-ortikoltura, l-UE hi mistennija li tipproteġi s-saħħa tal-ekosistemi, ħabitati naturali, foresti u l-kampanja kontra organiżmi barranin li jagħmlu l-ħsara.

- L-**evalwazzjoni tal-qafas leġiżlattiv eżistenti tas-Saħħa tal-Pjanti tal-Komunità** se tikkunsidra kif tista' tinkiseb tħejjija aħjar biex jiġu ttrattati sfidi ġodda, inklużi l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima.

Bil-politika mmirata tal-Komunità stabbilita u permezz tar-reviżjoni u, fejn xieraq, l-aġġornament ta' leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, is-settur tas-saħħa se jkun mgħammar biex jintegra fil-qafas Ewropew propost għal azzjoni.

[26] ftp://ftp.fao.org/docrep/fao/meeting/013/ai785e.pdf

Filename: SANCO-2009-05337-00-00-MT-TRA-00.DOC
Directory: C:\Documents and Settings\bourgau\Local Settings\Temporary Internet Files\OLK9A
Template: c:\documents and settings\all users\templates\COM.DOT
Title: EN
Subject:
Author:
Keywords:
Comments:
Creation Date: 29/04/2009 14:28:00
Change Number: 17
Last Saved On: 30/04/2009 13:54:00
Last Saved By: Maryann Agius
Total Editing Time: 23 Minutes
Last Printed On: 13/05/2009 10:32:00
As of Last Complete Printing
Number of Pages: 21
Number of Words: 8.365 (approx.)
Number of Characters: 47.681 (approx.)